MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 487/2011

**Mario Saliba**

**Vs**

**Direttur Generali (Dwana)**[1]

**Rikors guramentat**.

[1] Il-qorti tordna korrezzjoni fis-sens li Kontrollur tad-Dwana ghandha taqra Direttur Generali (Dwana).

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-16 ta' Mejju 2011 l-atturippremetta u talab:

1. Hu mpjegat bhala ufficjal tad-Dipartiment tad-Dwana u fl-10 ta' Jannar 2001 huwa kien gie sospiz mix-xoghol kostrett jissubixxi proceduri ta' natura kriminali fuq allegazzjonijiet li hu kien ghen lil terzi sabiex jevadu l-hlas ta' dazju fuq l-importazzjoni ta' merkanzija gewwa Malta;
2. Fis-16 ta' Lulju 2010 gie mehlus mill-proceduri kollha li ttiehdu fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Appell wara li kien diga gie mehlus minn kull akkuza mill-Qorti tal-Magistrati, b'sentenza tas-6 ta' Novembru 2009;
3. B'rizultat ta' dawn il-proceduri l-attur kien temporanjament sospiz mix-xoghol u konsegwentement hu kien prekluz minn overtime, tilef il-promozzjonijiet u hlasijiet fuq l-overtime taghhom kif ukoll telf ta' beneficcji ohrajn;

Ghalhekk l-attur talab lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li sofra danni minhabba l-proceduri li ttiehdu fil-konfront tieghu mill-konvenut ghar-reati li gie akkuzat bihom, u li minnhom gie mehlus.
2. Tillikwida d-danni li jikkonsistu f'riduzzjoni ta' salarju, telf ta' beneficcji cjoe' shift allowances, overtime, allowances ghall-Hdud u festi pubblici.
3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

**<u>Twegiba guramentata</u>**.

*(1) Illi in linea preliminari, in kwantu f'din l-azzjoni r-rikorrent jidher li qed jattakka l-agir tal-amministrazzjoni ta' l-intimat talli ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu u talli ttiehdet decizjoni ghas-sospensjoni tieghu, din l-azzjoni hija tardiva ai termini ta' l-Artikolu 469A(3) tal-Kap 12.*

*(2) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu r-rikorrent qed jallega li l-amministrazzjoni agixxiet kontra l-interessi tar-rikorrent u ghalhekk qed jitlob id-danni, l-intimat jirribatti li jehtieg li r-rikorrent igib il-prova li l-amministrazzjoni mxiet b'mala fede jew b'mod abbuziv u dan ai termini ta' l-Artikolu 469A(5) tal-Kap 12.*

*(3) Illi rigward l-allegazzjoni tar-rikorrent li pendenti l-proceduri kriminali, ir-rikorrent kien prekluz minn overtime, tilef il-promozzjonijiet u l-hlasijiet fuq l-overtime, l-esponent*

*jirribatti li d-dmirijiet tar-rikorrent jistghu jinbiddlu u din kienet parti mill-kundizzjonijiet tal-impjieg tar-rikorrent li min ihaddem ghandu d-diskrezzjoni jibghatu jahdem f'liema sezzjoni jkun mehtieg, skond l-esigenzi tad-Dipartiment. Barra minn hekk, fil-kaz odjern, fiz-zmien li sehh il-kaz tal-hrug tal-merkanzija li rrizulta f'evazjoni tat-taxxi relattivi u li sussegwentement taw lok ghall-proceduri kriminali, l-esponent kellu jiehu kull mizura necessarja sabiex jekk kien hemm xi skorrettezzi jew xi mgieba kontra l-ligi min-naha tal-impjegati, din ma tissussistix. Dan aktar u aktar ghaliex il-kaz li sehh ma kienx frivolu stante li jirrizulta, anke fuq ammissjoni tar-rikorrent stess, li filwaqt li kien on duty fil-Gate ta' Hal Far ippermetta li tinhareg merkanzija minghajr ma jithallsu s-segwenti taxxi li kienu jikkonsistu f'valur ta' LM18,706.80 dazju tas-Sisa, Lm604.88 dazju ta' importazzjoni u Lm4,016.91 taxxa fuq il-valur mizjud. Ghalhekk ir-rikorrent intbaghat jahdem f'sezzjonijiet ohra inqas sensittivi tad-Dwana. Ukoll l-esponent jissottometti li l-overtime certament mhux dritt tal-ebda impjegat u huwa minn jimpjega li ghandu l-prerogattiva f'dan ir-rigward skond l-esigenzi tax-xoghol li jvarja minn sezzjoni ghal ohra fl-istess Dipartiment.*

*(4) Illi l-esponent jirrileva li filwaqt li jikkontesta bil-qawwa li hu responsabbli ghal xi danni, jissottometti li bir-rispett kollu, l-introjtu kif jidher fuq il-P3 ta' John Bonavia ma jistax iservi bhala kejl ta' kemm suppost qala r-rikorrent billi d-distinzjoni netta bejn iz-zewg impjegati tad-Dwana huwa li filwaqt li John Bonavia ma kienx involut f'dan il-kaz, jirrizulta li r-rikorrent ghadda minn proceduri dixipplinari.*

*(5) Illi fir-rigward ta' l-argument tar-rikorrent li hu gie liberat mill-akkuzi kriminali migjuba kontra tieghu, l-esponent jissottometti li l-fatt li l-proceduri kriminali gew konkluzi b'ezitu favorevoli ghar-rikorrent ma jfissirx li l-proceduri nbdew inutilment. Effettivament, kawza tista' tintrebah jew tintilef a bazi ta' diversi fatturi fosthom il-provi u l-oneru tal-provi, imma dan ma jfissirx li l-proceduri kriminali nnifishom nbdew b'kapricc. Inoltre, ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali korrettement u skond il-ligi a bazi ta' investigazzjonijiet li saru kemm mill-esponent u kif ukoll mill-Kummissarju tal-Pulizija u l-proceduri kriminali kollha nbdew b'bona fede. Illi huwa minnu li wara li l-proceduri kriminali hadu l-kors taghhom, li r-rikorrent gie liberat mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Lulju 2010, pero certament mhux a bazi tal-fatt li mhux minnu li ppermetta li tinhareg merkanzija minghajr ma jithallsu t-taxxi relattivi stante li fl-imsemmija decizjoni hemm specifikat li « M'hemmx dubju illi l-appellat ghandu xi nuqqasijiet u dawn huma principalment fil-fatt illi ma insistix illi jivverifika l-merkanzija meta kienet hierga dak il-hin biex jassigura ruhu illi fil-fatt kienet hierga dik il-pallet wahda u mhux ohrajn. », u « L-appellat jammetti illi l-agir tieghu li halla dan it-truck hiereg, avolja kien jaf li suppost kellu jkun fih pallet wahda kienet gennata, ……… ».*

*Illi ghalhekk l-esponent certament kellu bazi ragonevoli u kien gusifikat legalment ghal mod kif agixxa fil-konfront tar-rikorrent.*

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-likwidazzjoni u hlas ta' danni li jghid li sofra minhabba l-proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu u li wasslu ghas-sospensjoni tieghu

mix-xoghol li wassal biex ma thallix jaghmel sahra, tilef il-promozzjonijiet u tilef beneficcji ohra. Jirrizulta li fl-24 ta' April 2001 l-attur tressaq il-qorti u gie akkuzat b'diversi reati relatati ma' kutrabandu ta' erba' mitt kaxxa b'xorb tal-alkohol. B'sentenza tas-6 ta' Novembru 2009 (fol. 7) il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali lliberatu mill-akkuzi. B'sentenza tas-16 ta' Lulju 2010 (fol. 11) il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti. Mill-provi rrizulta kif:

(i) Fil-11 ta' Jannar 2001 il-konvenut gie nfurmat mill-pulizija li kienu ser jittiehdu proceduri kriminali kontra l-attur wara li huwa kien ammetta *"....his involvement in the illegal entry into Malta of 400 boxes of alcohol. He is going to be arraigned in Court in the near future."* (fol. 518).

(ii) B'ittra datata 16 ta' Jannar 2001 il-konvenut gharraf lill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku li kienu ser jittiehdu proceduri kriminali kontra l-attur (fol. 519).

(iii) B'ittra datata 6 ta' Frar 2001 mibghuta mill-Ufficcju tal-Prim'Ministru, il-konvenut gie nfurmat li fil-31 ta' Jannar 2001 l-attur gie nterdett (fol. 520). Il-konvenut gharraf lill-attur b'din id-decizjoni b'ittra tat-12 ta' Frar 2001 (fol. 522).

(iv) Fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, il-Prim'Ministru nehha l-interdizzjoni b'effett mis-6 ta' Novembru 2001 (fol. 525).

(v) L-attur ma nghatax il-kariga ta' Customs Officer wara li l-Prim'Ministru approva rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (fol. 527). Eventwalment l-attur inghata l-kariga b'effett mit-22 ta' Jannar 2008 (fol. 530). Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell, l-attur inghata l-kariga ta' Senior Customs Officers.

(vi) L-attur thallas is-salarju kollu inkluz arretrati. Ghalhekk il-proceduri kriminali ma kellhom l-ebda effett fir-rigward tas-salarju. Il-pretensjoni tal-attur hi ghal hlas ta' *allowance* u sahra li jghid li tilef minhabba li l-konvenut kien ha decizjoni li ma jhallihx ikompli jahdem f'Hal Far. Hu jippretendi hlas ta' hamsa u erbghin elf erba' mija u tmien ewro u disgha u tletin centezmu (€45,408.39) u wiehed u ghoxrin elf disa mija u sebghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€21,970.43) bhala hlas ta' mghax.

Mir-rikors guramentat jidher li l-attur ma bbazax l-azzjoni fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. F'kull kaz il-qorti taraha difficli kif decizjoni li jittiehdu proceduri kriminali kontra persuna tista' tigi mistharrga taht dan il-provvediment meta tqies li:-

i. wiehed mill-kazijiet kontemplati f'dan il-provvediment hu fejn l-awtorita' pubblika ma tkunx osservat il-principju tal-gustizzja naturali. Principju li fil-fehma tal-qorti ma jidhirx li ghandu x'jaqsam fil-fazi tal-investigazzjoni li ssir qabel jittiehdu proceduri kriminali.

ii. fil-proceduri li jsiru a bazi ta' dan il-provvediment jigi mistharreg il-validita' ta' l-eghmil amministrattiv. Dan ifisser li jekk kellu japplika dan il-provvediment f'kazijiet fejn il-pulizija tiddeciedi li tressaq persuna fil-qorti, tinholoq sitwazzjoni fejn qorti civili tistharreg id-decizjoni li jittiehdu proceduri kriminali li potenzjalment ifisser iktar dewmien fil-process kriminali. Wara kollox hi l-Qorti

> tal-Magistrati jew il-Qorti Kriminali li ghandhom il-kompetenza li jisimghu u jiddeciedu proceduri kriminali[2].

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur qal li l-kawza saret *ai termini* tal-Artikolu 1032 tal-Kodici Civili. F'dan ir-rigward l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jipprovdi *"kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu."* , filwaqt li l-Artikolu 1032 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja*".

Hu maghruf li *"min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti"* (Vol XXX pIII p142).

Il-qorti tosserva:

1. Ma kenitx decizjoni tal-konvenut li jittiehdu proceduri kriminali kontra l-attur. Irrizulta kif il-pulizija kienet qeghda tinvestiga kaz ta' kutrabandu ta' alkohol. Fil-kors tal-investigazzjoni l-pulizija nterrogat lill-attur u ttiehdet id-decizjoni li jitressaq il-qorti. Fatt konfermat mill-ittra li l-Assistent Kummissarju Michael Cassar baghat lill-Kontrollur tad-Dwana 9 ta' Jannar 2001 (fol. 518). Sussegwentement b'ittra datata 2 ta' Frar 2001, il-konvenut talab lill-Kummissarju tal-Pulizja sabiex jakkuza lill-attur:

   *"talli fis-26 ta' Dicembru, 2000 bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern, ittenta li jahrab id-Dazju tas-Sisa, Dazju ta' l-Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) dovuti u/jew xi ligi jew limitazzjoni tad-Dwana dwar l-importazzjoni, billi ghin jew kellu b'xi mod x'jaqsam filli jigu mwarba jew irtirati kontra l-ligi l-oggetti li jidhru fin-Nota ta' Qbid Numru 6/2001 hawn mahmuza, minn Hal-Far Groupage Complex, qabel l-ezami taghhom mill-Ufficjal inkarigat tad-Dwana, mhux bl-awtorita jew taht is-sorveljanza ta' dan l-Ufficjal, oggetti importati f'Malta, b'mod li l-Ufficjal inkarigat ma jkunx jista' jiehu taghhom nota kif imiss jew b'mod li ma jkunux gew imdahhla fid-depozit kif imiss;*

[2] Fid-dritt Ingliz hu rikonoxxut li jista' jkun hemm stharrig gudizzjarju tad-decizjoni tal-Prosekutur Pubbliku li jipproponi procedure kriminali, pero' jinghad rimedju biss *"in highly exceptional cases"* (ara f'dan is-sens sentenza tal-House of Lords fil-kaz **R vs Director of the Serious Fraud Office**, deciza fit-30 ta' Lulju 2008.

*ukoll talli fl-istess data xjentement laqa' ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba, u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrab, depozit jew habi ta' l-oggetti in kwistjoni."* (fol. 180).

Mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) hu evidenti li l-ewwel erba' akkuzi saru mill-pulizija u mhux fuq talba tal-konvenut. Ghalhekk irrispettivament mit-talba tal-konvenut, il-pulizija xorta kienu ser jiehdu passi kriminali kontra l-attur. Fatt li fih innifsu kien ser iwassal biex jigi sospiz u nterdett sakemm ikunu pendenti l-proceduri kriminali. Dan skond ir-regolamenti tas-servizz pubbliku.

2. Wara li tnehhiet l-interdizzjoni u l-attur dahal lura ghax-xoghol, id-decizjoni tal-konvenut li l-attur jintbaghat jahdem f'sezzjoni ohra m'ghandha x'taqsam xejn ma' kulpa akwiljana. Li impjegat jintbaghat jahdem f'taqsima ohra hi materja relogata mir-relazzjoni kuntrattwali li hemm bejn il-principal u l-impjegat. Il-principal tal-attur kellu kull dritt li minhabba l-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-attur, jibaghatu jahdem f'post iehor. F'dan ir-rigward Eric Serracino, mill-Ufficcju tal-Prim'Ministru spjega:

*"Illi f'dan il-kaz, meta titnehha l-interdizzjoni l-ufficjal koncernat jew jerga' jidhol fl-istess Dipartiment tieghu u jibqa' jaghmel l-istess xoghol li kellu qabel, jew inkella jinghata xoghol alternattiv ghal dak li kellu qabel, jew inkella jerga' jidhol ghax-xoghol u jkun trasferit f'xi dipartiment iehor u dan jiddependi fuq l-esigenzi u n-natura tax-xoghol tad-Dipartiment koncernat. F'dan il-kaz din kienet il-prerogattiva tal-Kontrollur tad-Dwana li jiddeciedi dwar il-kaz tas-Sur Saliba."* (fol. 549).

Hu veru li kien il-konvenut li b'ittra datata 18 ta' Ottubru 2001 talab lill-Kummissjoni sabiex, minhabba li ma kienx previst li l-proceduri kriminali jigu decizi fi zmien qasir, titnehha l-interdizzjoni *"...provided he agrees to perform limited guarding duties which may include clerical work."* (fol. 524). Hu evidenti li bit-talba li saret lill-Kummissjoni l-konvenut ried ighin u mhux ifixkel lill-attur. Jigi osservat ukoll li mid-dokument MS4 li pprezenta l-attur stess (fol. 20) jirrizulta kif l-attur baqa' jaghmel xi sahra. Fil-fatt:

(a) skond it-taghrif li hu stess ta, hu evidenti li fir-rigward ta' allowances id-dhul tieghu bejn l-1 ta' Jannar 2001 sal-31 ta' Dicembru 2010 kien vicin hafna dak ta' John Bonavia (fol. 21). L-attur ghamel paragun bejn id-dhul tieghu u ta' John Bonavia, li fiz-zmien li nqala' l-kaz kienu gwardjan u jahdmu fl-istess post.

(b) Jirrizulta li d-diskrepanza principali hi fis-sahra. L-attur argumenta: *"....il-Kontrollur mexa b'nuqqas ta' prudenza, diligenza u hsieb ta' bonus paterfamilias meta jew nehha isem ir-rikorrent mil-lista ta' impjegati tal-istess grad u fl-istess taqsima li jaghmlu l-overtime, jew ma poggihx lura fuq din il-lista."* (fol. 580). Fl-ewwel lok jidher li fis-snin 2001, 2002, 2003, 2004, 2005 u wkoll 2010, l-attur hadem xi sahra (fol. 20) ghalkemm id-dhul kien minimu. Fir-rikors guramentat l-ilment tal-attur hu fis-sens li minhabba l-proceduri kriminali *".... **kien temporanjament sospiz mix-xoghol** u konsegwentement huwa kien prekluz minn overtime"* (enfazi mizjuda). F'dan il-kuntest il-qorti tosserva:

i. Gialadarba l-attur ghamel zmien sospiz mix-xoghol, ma jistax jippretendi li jithallas tas-sahra. Is-sahra tithallas lil min effettivament jaghmel ikun hadem dak ix-xoghol zejjed.

ii. L-ewwel talba tal-attur hi sabiex il-qorti tiddikjara li hu sofra danni minhabba l-proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu fuq inizjattiva tal-konvenut. M'hemm l-ebda riferenza ghad-decizjoni li setghet ittiehdet mill-konvenut dwar is-sahra, wara li fid-19 ta' Novembru 2001 l-attur rega' dahal lura ghax-xoghol. Fir-rikors guramentat l-attur ma talabx stharrig tad-decizjoni li seta' ha l-konvenut li ma jhallix lill-konvenut jaghmel sahra f'positijiet sensittivi. Ghalhekk strettament dak li gara wara li dahal lura ghax-xoghol, jaqa' barra l-parametri tar-rikors guramentat. Dan apparti li dik hi decizjoni ta' principal fil-konfront ta' impjegat li hi regolata mir-relazzjoni kuntrattwali u mhux minn kulpa akwiljana.

iii. F'kull kaz, mhu xejn car ta' x'wassal sabiex wara li l-konvenut dahal lura ghax-xoghol hadem ftit li xejn sahra. L-uniku spjegazzjoni li sabet il-qorti hi dik li ta l-attur li qal li meta dahal lura ghax-xoghol *".... fuq struzzjonijiet li nghatat mid-Dwana, stajt nahdem biss fil-gate tal-Malta Drydocks. Sussegwentement harget ordni minghand is-Sur Iro Galea, dak iz-zmien Head of Passenger Services tad-Dwana li jiena stajt nahdem biss overtime li jkun hemm fil-Malta Drydocks. Peress li fil-Malta Drydocks ma kienx ikun hemm overtime, jien spiccajt ma nahdem xejn. Aktar tard, id-Dwana tnehhiet mill-gate tal-Malta Drydocks u ghalhekk jien gejt trasferit lejn il-Medserv, izda l-ordni li jien nahdem overtime fil-Malta Drydocks baqghet kif kienet."* (fol. 44). Alfred Mallia, spettur tad-Dwana li jahdem fl-ufficcju fejn titqassam is-sahra, qal impjegat li jaghmel is-sahra jista' jimponi kundizzjonijiet fuq il-haddiema dwar il-postijiet fejn ikun jista' jahdem sahra (fol. 510). Irrizulta wkoll kif ufficjal tad-Dwana (Iro Galea) kien gharraf lid-*Detail Office*, l-ufficcju li jqassam is-sahra li b'effett mit-13 ta' Frar 2001 l-attur *"...is not to report for duties as from today, until further notice"* (fol. 495). Alfred Mallia spjega wkoll: *"Nikkonferma li fil-kaz ta' Mario Saliba, l-ufficcju kellu struzzjonijiet biex innehhih mi-lista ta' impjegati li jahdmu l-overtime."* u wara kien inghata struzzjonijiet biex jerga' jdahhal lill-attur fil-lista tal-haddiema li jaghmlu s-sahra. L-indikazzjoni hi li l-proceduri kriminali pendenti wasslu sabiex l-attur ma jkunx jista' jahdem l-istess sahra bhal kollegi tieghu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet

l-attur qal li l-konvenut wettaq diskriminazzjoni. Pero' ma tressqux provi li kien hemm impjegati ohra f'cirkostanzi simili ghal dawk tal-attur u li nghataw trattament differenti.

3. L-investigazzjoni ma kenitx tmexxiet mill-konvenut izda mill-pulizija. Sar process gudizzjarju li fih l-attur gie liberat mill-akkuzi. Pero' fih innifsu dan ma jfissirx li l-konvenut ikkaguna hsara lill-attur. L-ewwel qorti u l-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlu l-apprezzament tal-provi u kkonkludew li l-attur ma' kienx hati tar-reati li bihom gie akkuzat. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li din hi xi prova ta' xi negligenza min-naha tal-konvenut. L-attur stess meta xehed ipponta subghajh lejn il-pulizja:

*"..... l-implikazzjoni tieghi fil-proceduri ma kienet xejn ghajr* ***konfuzjoni fl-investigazzjonijiet da parti tal-Pulizija Ezekuttiva****, fejn ikkonfondew informazzjoni li jien kont ghaddejtilhom, cioe' d-dhul lura ta' merkanzija l ikienet harget bi zball u l-hrug ta' merkanzija ohra minflok li harget skond il-proceduri kollha tad-Dwana, li sehhet fl-istess gurnata meta allegatament inhareg ix-xorb hawn fuq imsemmi."* (enfazi mizjuda, fol. 44).

Pero' l-korp tal-puliizja m'huwiex parti f'din il-kawza.

Il-qorti tosserva wkoll li meta wiehed jara l-istqarrija li l-attur ta lill-pulizija fid-29 ta' Dicembru 2000 (fol. 156), din hi ghal kollox differenti minn dak li xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-16 ta' Frar 2007 meta xehed li ma kienx jaf li t-trukk li hareg minn Hal Far kien mghobbi bl-affarijiet. Fl-istqarrija qal li fis-26 ta' Dicembru 2000 kien xoghol u certu Ganni Grech:

*".... qalli li Chris tal-Pejxa kellu johrog pallet fit-truck u talabni nhallieh ghaddej. Jien ghidtlu biex ma jdahhalnix fl-inkwiet ghaliex kien hemm tal-NDIU fil-gate. Jien ma staqsejtu xejn izjed..... Ghadda il-hin u ghal habta tat-3.30PM telqu tal-NDIU. Ganni cempilli fil-gate staqsieni jekk hux alright u jien ghidtlu tghamillix mutetti bhal dawn u qata' t-telefon. Fil-pront gie Chris bil-mixi hdejja u qalli li kien ghabba. It-truck kien ftit aktar il-boghod. Jien ghidtlu li tal-NDIU kienu ghadhom hemm u ghidtlu biex ma jaghmilx mutetti. Telaq lejn it-truck u saqu ghal gate, ghamilli sinjal bhas-soltu li hu vojt u ghamiltlu s-sinjal biex johrog. Mistoqsi nghid li jien kont naf li kien mghobbi ghaliex hu kien qalli li kien diga' ghabba.....*

*M: Taf li int qieghed hemm biex tippreveni, ghaliex ghamilt hekk ?*

*T: Gennata, ghalxejn. Imma tant kemm is-sistema hemm hija hekk imbaghabsa li qiesu nimmagina li din il-bicca tax-xoghol mhi xejn."* (fol. 177).

Fis-seduta tas-16 ta' Frar 2007 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) xehed li *"....dik l-istqarrija qed tirreferi ghal meta hareg bil-pallet wiehed, u meta hareg bi tmien pallets lili ssemmieli xejn, ghax lili qalli li huwa vojt."* (fol. 445). Din hi ferm improbabbli meta tqies li l-attur xehed li l-ewwel darba li hareg Christopher Cutajar kien waqqfu u ccekja d-dokumenti u sahansitra ttawwal fit-trukk u ra li l-merkanzija taqbel mad-dokumenti li tah ix-xufier tat-trukk[3] , filwaqt li fl-istqarrija qal li hallieh johrog daqslikieku kien vojt meta kien jaf li t-trukk kien mghobbi b'merkanzija. L-inkonsistenza tal-attur tkompli tizdied meta qal li l-burdnar Ganni Grech kien kellmu biex ihalli lil Christopher Cutajar johrog, *"meta kien hareg l-ewwel darba"* (fol. 444). Jekk hu hekk u meqjus dak li qal fl-istqarrija, m'huwiex veru li ccekja d-dokumenti u x'kien hemm fit-trukk.

Hu veru li meta l-attur xehed fil-proceduri kriminali qal li l-istqarrija ma kenitx tirrifletti dak li qal lill-pulizija. Pero' jibqa' 'l fatt li ffirmaha. Il-qorti tqies dghajfa l-ispjegazzjoni li ta ghalfejn iffirma l-istqarrija. Kemm l-ewwel qorti u l-Qorti tal-Appell Kriminali ma qalux li l-istqarrija ma kenitx ammissibbli jew li ma tirriflettix l-verita'. Sahansitra l-Qorti tal-Appell Kriminali stess osservat: *"M'hemmx dubju illi l-appellat ghandu xi nuqqasijiet u dawn huma principalment fil-fatt illi ma nsistix illi jivverifika l-merkanzija meta kienet hierga dak il-hin biex jassigura ruhu illi fil-fatt kienet hierga dak il-pallet wahda w mhux ohrajn."* (fol. 17). L-attur halla trukk ighaddi daqslikieku kien vojt meta kien jaf li kien fih il-merkanzija, minghajr ma talbu d-dokumentazzjoni. Skond cirkulari tas-7 ta' Frar 2000: *"**Customs Assistants** manning the gates at Hal Far are **Instructed** and Authorized to demand the **Gate Pass** for all cargo leaving **Har Far Bonds**"* (fol. 63). Ghalkemm saret enfazi li l-attur kien ilu biss tlett ijiem jahdem f'dik it-taqsima, hu car li kien jaf sew x'inhi l-proceduri u li kien diga' hadem f'Hal Far. M'hemmx dubju li kien hemm nuqqas serju min-naha tal-attur. Mid-deposizzjoni li ta l-Assistent Kummissarju Michael Cassar fil-proceduri kriminali (fol. 206) hu car li l-pulizija kienet konvinta li l-attur kien kompartecipi fil-kuntrabandu ta' xorb alkolholiku. Imkien ma jirrizulta li l-konvenut ha xi sehem attiv fl-investigazzjoni jew li kien hemm xi pressjoni min-naha tieghu sabiex jinbdew proceduri kriminali kontra l-attur. Ghalhekk il-konvenut ma jista' qatt jintalab jirrispondi ghall-agir ta' haddiehor. Irrispettivament mit-talba li saret mill-konvenut (fol. 180), il-pulizija mexxiet fuq l-inizjattiva taghha. Hekk ukoll il-prosekuzzjoni tmexxiet mill-pulizija u mhux mill-konvenut. Inoltre bit-tip ta' stqarrija li ghamel l-attur, il-qorti ma tlumx lill-konvenut li ghazel li l-attur ma jintbaghatx jahdem f'positijiet li kienu kkunsidrati bhala sensittivi. Materja li taqa' fid-diskrezzjoni tal-konvenut. Mill-provi hu evidenti li dan ma kienx xi kaz fejn il-Kap tad-Dipartiment kellu xi agenda mohbija fil-konfront tal-attur. Tant hu hekk li kien ressaq talba sabiex

---

[3] *"....qalli 'Ghabbejt jiena ta ! Nista' nohrog ?, ghidtlu 'X'ghabbejt ?' qalli 'Dak il-pallet li qallek il-Frida li kelli nibdel. Bdiltu. Nista' nohrog ?', ghidtlu 'Ghandek dokumenti ?'. Qalli 'Iva hawn'. Rajtlu d-dokumenti, kienu stainless steel xi haga. Ghamilt hekk biex nara l-pallet. Rajt li l-pallet huwa l-istess – Stainless Steel Ltd jidhirli. Kien kollox sew u ghidtlu 'All right. Issa tista' tohrog.... Qalli 'All right'. Resaq lejn il-gate, sellimli u baqa' hiereg 'il barra. Dak kien Christopher Cutajar."* (fol. 431).

pendenti l-proceduri kriminali titnehha l-interdizzjoni li kienet giet imposta fuq l-attur mill-Prim'Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Public Service Commission.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1.Tichad dawk l-eccezzjonijiet tal-konvenut li huma bazati fuq l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni tal-Procedura Civili bl-ispejjez kontra tieghu.**

**2.Fil-meritu tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut li m'ghandux responsabbilta' u tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------